MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 666/1994/1

**Edgar Blundell u b'nota tad-9 ta' Jannar, 1995 Carmen Blundell assumiet l-atti tal-kawza flok Edgar Blundell li miet fil-mori ta' l-appell**

**vs**

**Id-Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti;**

Dan hu appell tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali minn decizjoni moghtija mill-Arbitru (taht il-Kap. 318 tal-Ligijiet ta' Malta) fil-25 ta' Ottubru, 1994.

Din il-Qorti qed tirriproduci din id-decizjoni ghax fiha hemm, in sostanza, il-fatti tal-kawza; id-decizjoni tghid hekk:

**Dan l-appell huwa mid-decizjoni tad-Direttur tal-10 ta' Marzu, 1994 ("Avviz ta' Hlas Zejjed") li rreveda r-rata ta' pensjoni tal-appellant ghal rata izghar minn dik li kienet korrenti u infurmah li kien thallas zejjed.**

**Dwar il-fatti ma hemmx kontestazzjoni:-**

**1. L-appellant kien impjegat mal-Malta Development Corporation bil-grad ta' "Head 1";**
**2. L-appellant irtira fl-ahhar tas-sena 1987 u f'dak iz-zmien is-salarju ta' Head 1 mal-M.D.C. kien l-istess bhal dak ta' Head 1 mas-Servizz Civili;**
**3. Fil-15 ta' Dicembru, 1988 sar Collective Agreement (effettiv mill-15 ta' Ottubru, 1988) li fih hdax-il (11) grad u kategoriji, izda l-ebda grad/kategorija ma huwa indikat bhala "Head 1";**
**4. Fis-Servizz Civili l-kategorija "Head 1" ghanha [recte: ghadha] tezisti.**

**Il-Kontestazzjoni torigina minhabba l-fatt li wara l-Collective Agreement ma ghadx hemm il-grad ta' "Head 1".**

**L-appellant [1] isostni li, una volta li ma ghadx hemm fl-M.D.C. il-kariga ta' "Head 1" ghandha ssir analogija mal-gradi tal-Gvern, fejn ghad hemm, kif kien hemm, il-grad ta' "Head 1".**

**Min-naha l-ohra d-Direttur isostni li ghalkemm il-kariga ta' "Head 1" ma ghadhiex tezisti fl-M.D.C. dan gara mhux ghax il-kariga giet abolita imma ghax giet**

[1] Edgar Blundell

**assorbita u inkorporata f'dik ta' "Assistant Manager", skond ittra tal-M.D.C. tat-22 ta' Marzu, 1989.**

**Il-qofol tal-vertenza huwa fl-interpretazzjoni tal-kliem, fil-bidu ta' l-ewwel Proviso ghas-subartikolu (3) tal-artiklu 59 (qabel artiklu 63), "ma tkunx tezisti iktar" ("no longer exists"). Il-kliem tal-ligi jirriferixxu ghall-kariga u wiehed ghandu jifhem li din hija n-nomenklatura u mhux necessarjament l-inkombenza tax-xoghol, u bil-kliem "ma tkunx tezisti" il-ligi ma turix li riedet tkun restrittiva fis-sens li jkun hemm abolixxjoni [recte: abolizzjoni] tal-kariga, li proprjament issehh biss meta l-kariga tispicca ghal kollox minghajr ma jkun hemm ebda tibdil iehor fil-karigi l-ohra ta' l-istruttura ta' l-ente.**

**Fuq dan ir-ragonament l-Arbitru jippreferixxi u jaccetta l-versjoni tal-appellant.**

**Ghalhekk l-Arbitru jilqa' l-appell ta' Edgar Blundell u ghalhekk jordna lid-Direttur li jirrevedi l-pensjoni tal-imsemmi Edgar Blundell b'analogija fuq il-kariga ta' "Head 1" fis-servizz tal-Gvern u konsegwentement jirrevedi d-decizjoni tieghu dwar "overpayment" fuq dak li jirrizulta wara r-revizjoni kif ordnata.**

Kif tajjeb osserva l-Arbitru, il-kwistjoni kollha hi dwar l-interpretazzjoni tal-kliem "ma tkunx tezisti aktar" f'dak li kien il-proviso tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 59 tal-Kap. 318, izda li proprjament fid-data meta nghatat id-decizjoni minnu kienet diga saret is-subartikolu (4) tal-imsemmi artikolu. Meta nghatat id-decizjoni d-disposizzjoni kienet, kif ghadha sal-lum, tghid hekk:

**(4) Meta xi wahda mill-karigi msemmijin fid-disposizzjonijiet ta' qabel dan ta' dan l-artikolu ma tkunx tezisti aktar –**

**(*a*) jekk dik il-kariga kienet okkupata f'Malta, minflokha ghandha tidhol dik il-kariga analoga f'Malta fis-servizz tal-Gvern ta' Malta, jew, jekk dik il-kariga**

**analoga ma tkunx tezisti fis-servizz tal-Gvern ta' Malta, fis-servizz ta' xi organizzazzjoni parastatali f'Malta, li kellha paga jew salarju li l-aktar kienu jikkorrispondu ghal dawk ta' l-ewwel kariga fiz-zmien meta kienet l-ahhar okkupata mill-pensjonant;**

Qabel ma tiddisponi mill-vertenza, pero`, din il-Qorti sejra tiddisponi mill-eccezzjoni preliminari sollevata mill-parti appellata fir-risposta taghha tas-6 ta' Jannar, 1995 (fol. 39), u cioe` l-eccezzjoni li r-rikors ta' appell kien irritu u null peress li ma giex prezentat fit-terminu ta' tletin gurnata imsemmi fl-Artikolu 109 tal-Kap. 318. Il-Qorti, wara li rat id-deposizzjoni ta' Carmelo Mallia moghtija fl-udjenza tat-2 ta' Frar, 1995 (fol. 53 tal-atti), fis-sens li d-Direttur irceva d-decizjoni bil-miktub tal-arbitru fl-14 ta' Novembru, 1994, tichad din l-eccezzjoni preliminari peress li hu evidenti li r-rikors ta' appell gie ppresentat entro it-tletin gurnata *"from the day on which the decision of the Umpire [was] communicated in writing by registered post…"* lill-imsemmi Direttur. Ir-rikors ta' appell, in fatti, gie ppresentat fit-12 ta' Dicembru, 1994.

Fil-meritu l-appellant jikkontendi li l-post li kellu Blundell ma giex "abolit" izda semplicement "inkorporat ossia assimilat fil-grad ta' Assistant Manager"; b'mod ghalhekk – dejjem skond l-appellant – li ma tapplikax id-disposizzjoni aktar 'l fuq citata. Frankament din il-Qorti tara li dana l-argument huwa wiehed fieragh, u l-appellant qieghed ifettaq u jipprova jiddistingwi fejn il-ligi ma tiddistingwix. Fil-fehma tal-Qorti, kariga ("post") sia jekk tigi abolita espressament u sia jekk tigi inkorporata jew assimilata f'xi kariga ohra, <u>ma tibqax tezisti bhala tali</u>. L-iskop kollu tad-disposizzjoni in ezami huwa proprju sabiex jigi protett kemm jista' jkun il-pensjonant halli ma titnaqqaslux *ex post facto* il-pensjoni wara li huwa jkun irtira. Kien proprju ghalhekk li l-Arbitru – korrettement – ta interpretazzjoni mhux restrittiva lill-kliem "ma tkunx tezisti aktar". Tali interpretazzjoni hija konsona wkoll ma' l-ispirtu kollu tal-Artikolu 113 tal-Kostituzzjoni. In fatti aktar ma tahseb fuqu din il-Qorti, aktar hi propensa li tikkunsidra dana l-appell bhala wiehed fieragh. Il-Qorti, pero`, mhix ser twahhal lill-appellant l-ispejjez doppji peress li l-parti

appellata kkumplikat inutilment l-andament ta' din il-kawza bin-nota taghha tal-10 ta’ April, 1995 u bit-tqanqil ta’ “kwistjoni” kostituzzjonali – ara l-atti tar-referenza kostituzzjonali fl-istess ismijiet 525/95 AJM – deciza finalment mill-Qorti Kostituzzjonali kontra l-istess parti appellata biss fl-20 ta’ Marzu, 2000.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali u tikkonferma d-decizjoni tal-Arbitru tal-25 ta’ Ottubru, 1994, bl-ispejjez kontra l-istess Direttur tas-Sigurta` Socjali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------